MALTA

# QORTI TA' L-APPELL

**S.T.O. PRIM IMHALLEF**
**VINCENT DE GAETANO**

**ONOR. IMHALLEF**
**JOSEPH A. FILLETTI**

**ONOR. IMHALLEF**
**GEOFFREY VALENZIA**

Seduta tat-30 ta' Lulju, 2010

Appell Civili Numru. 742/2007/1

**Ray Camilleri**

**v.**

**Aldo u Catherine konjugi Farrugia;**
**Malcolm u Margaret konjugi Williams;**
**Mizzi Associated Enterprises Limited.**

**Il-Qorti:**

**1.** Dan hu appell ad istanza tal-attur minn digriet datat 21 ta’ Ottubru 2009 moghti mill-Prim Awla tal-Qorti Civili li cahdet rikors tal-attur sabiex issir korrezzjoni tat-tieni talba

tieghu permezz tal-procedura ai termini tal-Artikolu 175 tal-Kap. 12.

**2.** Ghal intendiment ahjar ta' dan l-appell, il-Qorti qeghdha tirriproduci d-digriet imsemmi, kif jidher hawn taht:
"Il-Qorti rat ir-rikors tal-attur Ray Camilleri datat 14 ta' April 2009;

"Rat ir-risposti tal-konvenuti;

"Tichad it-talba tal-attur ghall-korrezzjoni tac-citazzjoni kif rikjest stante li tali talba tibdel is-sustanza tal-azzjoni attrici u ghalhekk mhux permessibbili taht id-disposizzjonijiet tal-Kap. 12 inkluz l-Artikolu 175 tal-istess".

**3.** L-attur hassu aggravat bid-digriet surriferit tal-Qorti tal-ewwel grad u interpona appell minnu b'rikors prezentat fl-10 ta' Marzu 2010. Fil-qosor, l-aggravji tal-attur huma s-segwenti:
1. Il-korrezzjoni, ossija zieda, bl-ebda mod ma ser tbiddel is-sustanza tal-azzjoni kif promossa minnu. Jekk wiehed iqis sew it-tieni talba kif originarjament migjuba u t-tieni talba kif qed jintalab li tinbidel, jidher illi z-zewg talbiet jikkoncernaw talba biex il-Qorti tistabbilixxi sa fejn jista' jizviluppa l-appellant minghajr ma jtellef id-dritt ta' uzu tal-bejt li ghandhom il-konvenuti. Dak li jinbidel huwa biss l-entita` tal-izvilupp propost mill-appellant fuq il-bejt *de quo*. Inoltre l-eccezzjonijiet tal-konvenuti m'humiex ser jigu effettwati bit-tibdil mitlub ghaliex l-eccezzjoni taghhom hija limitata ghall-fatt li l-appellant m'ghandu ebda jedd jaghmel l-izvilupp, hu x'inhu.

2. Fit-tieni lok, b'tali korrezzjoni, il-konvenuti ma humiex ser jigu pregudikati.

Ghalhekk l-attur talab ir-revoka tad-digriet moghti mill-ewwel Qorti fil 21 ta' Ottubru 2009 u konsegwentement li din il-Qorti tilqa' t-talba tieghu ghall-korrezzjoni mitluba permezz tar-rikors tal-14 ta' April 2009, bl-ispejjez kontra l-appellati.

**4.** Il-konvenuti appellati pprezentaw ir-risposta taghhom fil-14 ta' Marzu 2010. In forza taghha, ghar-ragunijiet minnhom premessi, talbu li din il-Qorti joghgobha tikkonferma d-digriet tal-ewwel Qorti, u tirremetti lura l-atti tal-kawza quddiem l-ewwel Qorti ghall-kontinwazzjoni tal-istess u ghad-decizjoni fil-mertu, bl-ispejjez kontra l-appellant.

**5.** Issa l-attur kien talab quddiem l-ewwel Qorti korrezzjoni fis-sens li t-tieni talba tieghu tigi taqra hekk:
"tiddikjara illi l-attur konsegwentement ghandu l-jedd jaghmel estensjoni *purche`* li jhalli lill-istess konvenuti igawdu d-dritt taghhom li jzommu fuq l-istess bejt it-tankijiet tal-ilma u l-aerials[1]".

L-ewwel Qorti cahdet it-talba ghall-korrezzjoni billi rriteniet li tali talba tibdel is-sustanza tal-azzjoni attrici u ghalhekk mhux permissibbili taht id-dispozizzjonijiet tal-Artikolu 175 tal-Kap. 12.

**6.** Skond l-Artikolu 175 tal-Kap. 12, il-Qorti tista' tordna sostituzzjonijiet jew tibdil fl-iskritturi billi zzid jew tnehhi l-isem ta' wahda mill-partijiet u jitqieghed iehor minfloku, jew jissewwa zball fil-kwalita` li fiha jidhru jew jissewwa kull zball iehor, *sakemm is-sostituzzjoni jew tibdil ma jibdilx is-sustanza tal-azzjoni jew l-eccezzjoni fuq il-mertu tal-kawza*.

**7.** Kif jidher mill-atti, it-talba tal-attur ma taqax fil-parametri tal-Artikolu 175 tal-Kap. 12 billi hi qed tbiddel is-sustanza tat-talbiet tieghu fil-mertu, ghalkemm mhux fl-eccezzjonijiet. It-talba originali kienet biex jigi dikjarat li l-konvenuti ghandhom biss dritt ta' uzu tal-bejt u li l-atturi setghu jibnu sular iehor jew aktar fuq din l-arja. Issa b'din it-talba ghall-"korrezzjoni" li l-attur qed jippromwovi, it-tieni talba qed tinbidel f'talba ohra u cioe` li l-attur ikun jista' jestendi l-bejt fil-livell tas-sular fejn jinsab il-bejt illum, u li ghalhekk id-dritt tal-konvenuti ser jigi ristrett u limitat ghad-

[1] It-tieni talba kif originarjament migjuba fir-rikors guramentat promotorju kienet hekk: "tiddikjara li l-konvenuti ghandhom dritt biss ta' uzu tal-bejt u li dan ifisser li fl-eventwalita` li l-attur jikkostruwixxi sular iehor jew aktar fuq din l-arja allura l-istess intimati jkollhom id-dritt ta' uzu tal-bejt il-gdid".

dritt li l-konvenuti jzommu biss tankijiet tal-ilma u *aerials,* meta skond il-kuntratti esebiti fil-kawza d-dritt taghhom mhux hekk ristrett. It-talba tal-appellant ma hijiex sempliciment biex tigi korretta t-tieni talba tieghu imma biex tinbidel f'talba ohra; ghalhekk is-sustanza tal-azzjoni fil-mertu ser tinbidel. Ghalhekk l-ewwel aggravju qed jigi michud.

**8.** Kwantu ghat-tieni aggravju cioe` li l-konvenuti ma huma ser ibatu ebda pregudizzju, il-Qorti tirrileva li l-Artikolu 175 isemmi specifikatament il-kazijiet meta tista' tigi awtorizzata "korrezzjoni" minghajr kwalifika ta' xi pregudizzju li tista' tbati xi parti. Imma anke kieku, jigi rilevat li din it-talba saret meta l-provi kienu konkluzi u l-attur kellu rapport peritali sfavorevoli fejn instab li hu ma kienx proprjetarju tal-arja tal-bejt in kwistjoni u li ghalhekk hu ma setghax jillimita d-drittijiet tal-konvenuti fuq dan il-bejt. Kien wara r-rapport tal-perit tekniku u n-noti li saru, li l-attur ipprezenta r-rikors ghall-korrezzjoni tat-tieni talba tieghu. Hu ghalhekk anke ghal din ir-raguni li ma tistax tigi akkolta t-talba attrici f'dan l-istadju inoltrat, billi l-konvenuti zgur ser jigu pregudikati.

**9.** Ghaldaqstant din il-Qorti qed taqbel ma' l-ewwel Qorti li t-talba ghal korrezzjoni tat-tieni talba attrici ser tbiddel is-sustanza tal-azzjoni tal-kawza fil-mertu.

**10.** Ghal dawn il-motivi tiddeciedi billi tichad l-appell u tikkonferma d-digriet appellat bl-ispejjez kontra l-appellant. Il-Qorti tirrinvija l-atti tal-kawza lura quddiem l-ewwel Qorti ghal kontinwazzjoni tal-istess u ghad-decizjoni fil-mertu.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------